MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 106/2008

SB Auto Centre Limited

Vs

Joann Cordina, Charles Cordina, Marthese mart Paul Camenzuli, Joseph, Mark, John, Christine, Dottor Franco ahwa Mercieca bhala eredi ta' Joseph Mercieca u Catherine nee Cauchi, George Farrugia

Il-Qorti;

1. Permezz ta' din il-kawza is-socjeta attrici qeghda titlob dikjarazzoni li l-vetturi tal-marka Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni MAR 171 u FBL 743 ghadhom proprjeta' tal-kumpannija attrici u mhux tal-konvenut Charles Cordina peress li nxtraw minnu permezz ta' zewg kuntratti ta' hire purchase tal-5 ta' Frar u 26 ta' Lulju 1999 u l-prezz ghadu ma thallasx sal-lum. Inoltre qeghda titlob dikjarazzjoni li dawn il-mobbli ma jistghux jinbieghu bl-irkant (nuru

11/2008) u kwantu jirrigwarda l-vetturi MAR 171 u FBL 473 is-subbasta numru 11/2008 hi nulla. Ghalhekk talbu li l-imsemmija vetturi ma jibqghux iktar soggetti ghall-mandat ta’ qbid numru: 23/2008 jew b’mandat iehor li jista’ jsir kontra Charles Cordina. Din il-kawza saret wara li l-qorti kienet ordnat li l-vetturi in kwistjoni jinbieghu b’irkant fis-27 ta’ Ottubru 2008 fuq talba tal-konvenuta Joann Cordina.

2. Permezz ta’ risposta guramentata prezentata fl-4 ta’ Dicembru 2008 il-konvenuti (bl-eccezzjoni ta’ Charles Cordina li baqa’ kontumaci) eccepew li:-

a. Huma personalment ma kienux jafu dwar il-fatt li l-vetturi ma humiex imhallsa kif ukoll li l-konvenut Charles Cordina ma kienx hallas l-ammonti li huma dovuti minnu fuq l-istess vetturi.

b. F’kaz li dak allegat minn SB Auto Centre mhux minnu, ghandha ssir tali subbasta u jithallsu l-kredituri skond il-ligi.

c. Il-konvenuti, mhux inkluz Joann Cordina, gew ammessi fl-irkant bhala kredituri izda ma kienux huma li ppromovew l-istess rikors ghall-irkant.

d. Ghandhom ikunu totalment hielsa minn kull spejjez peress li l-uniku interess hu li jippartecipaw f’irkant fejn mir-rikavat ta’ l-istess setghu jigbru parti mill-ammonti li huma ghandhom jiehdu minghand l-istess Charles Cordina.

e. Fl-atti tas-subbasta numru 11/2008 is-socjeta attrici giet imsejha sabiex tipproduci d-dokumenti kollha li juru li ghandha xi jedd fuq il-vetturi.

f. Is-socjeta attrici halliet dan iz-zmien minghajr ma ressqet l-ebda prova ta’ titolu fuq il-vetturi in kwistjoni u ghalhekk ir-rikors gie michud.

g. Is-subbasta giet sospiza fuq talba ta’ Joann Cordina stess u ghalhekk is-socjeta attrici zgur li ma sofriet l-ebda pregudizzju.

h. Is-subbasta numru 11/2008 inbidet fuq talba ta’ Joanna Cordina kif kellha kull dritt li taghmel sabiex tigbor il-flus kollha li kienu dovuti lilha minn Charles Cordina.

i. Joann Cordina dejjem agixxiet in *buona fede* u qatt ma kienet taf illi dawn il-vetturi ma kienux jappartjenu lill-konvenut Charles Cordina u dan peress li zewgha qatt ma uriha bl-affarijiet tieghu.

j. L-atti tas-subbasta in kwistjoni ghandhom jigu allegati mal-atti tal-kawza odjerna.

3. Din il-kawza bdiet wara li l-konvenuta kienet ghamlet rikors ghall-bejgh bl-irkant[1] tal-vetturi meritu ta’ din il-kawza sabiex tithallas kreditu li ghandha fil-konfront tal-konvenut Charles Cordina[2]. Ir-rikors giet prezentat fit-23 ta’ Mejju 2008 u l-irkant kien iffissat ghas-27 ta’ Ottubru 2008. Dakinhar li kien qieghed isir l-irkant, il-qorti ordnat is-sospensjoni ta’ l-irkant wara rikors wara talba li sarett mill-konvenuta Joann Cordina peress li kienet ser tasal fi ftehim bonarju mad-debitur.

4. M’hemmx dubju li mix-xhieda, mhux kontradetta ta’ Raymond Bajada[3], il-prezz tal-vetturi ghadu ma thallasx kollu. Skond il-ftehim *hire purchase* li l-konvenut Charles Cordina ghamel mas-socjeta attrici hu evidenti li s-socjeta

[1] **Joann Cordina vs Charlie Cordina** (numru 11/2008).
[2] Sentenza fl-ismijiet **Joann Cordina vs Charles Cordina** (Cit. nru: 95/2000) deciza fis-26 ta’ Settembru 2008 u spejjez gudizzjari relatati ma’ l-istess.
[3] Direttur tas-socjeta attrici.

attrici kellha tibqa' proprjetarja tal-vettura. Klawzola tlieta (3) ta' kull ftehim tipprovdi[4]:

*"The Isuzu shall remain the property of the Owner, until the Hirer shall become the absolute owner of the said vehicle."*.

Imbaghad fi klawzola sebgha (7) jinghad li f'kaz ta' morozita' ta' zewg pagamenti, is-sid ikollu l-jedd:-

*"(a) to demand the immediate payment of the remaining balance of the Hire purchase price notwithstanding that such balance would otherwise have been paid by instalment, or*
*(b) To terminate the present agreement and resume possession of and recover the said vehicle from the Hirer."*.

Hu ghalhekk evidenti li z-zewg kuntratti li gew iffirmati bejn is-socjeta attrici u l-konvenut Charles Cordina huma dawk maghrufha bhala *pactum com riservata dominii* (ara per ezempju sentenza **Regina Auto Dealer Limited vs Millers Distributors Limited et** deciza fit-30 ta' Mejju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[5]). F'dan it-tip ta' ftehim il-proprjeta' ma tghaddix ghand ix-xerrej qabel ikun hallas il-prezz kollu. Fic-cirkostanzi m'hemmx dubju li gialadarba ghad fadal bilanc fuq iz-zewg vetturi li hu dovut lis-socjeta attrici u l-ftehim sar *riservato dominio*, il-proprjeta' tal-vettura ghadha sal-lum il-gurnata tas-socjeta attrici. Ghalhekk il-vetturi in kwistjoni m'ghandhomx jinbieghu bl-irkant in kwantu ghadhom ma sarux proprjeta' tad-debitur (Charles Cordina).

5. Ghal dawk li huma spejjez konnessi ma' dan il-procediment, il-qorti hi tal-fehma li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut Charles Cordina in kwantu kien in-nuqqas tieghu li ta lok ghall-procedimenti bla bzonn. Il-prezenza tal-konvenuti l-ohra fil-kawza kienet mehtiega

[4] In-negozju sar permezz ta' ftehim datat 5/2/1999 (vettura Isuzu Trooper MAR171) u ftehim datat 26/7/1999 (FBL473).
[5] Imhallef R. Pace.

sabiex il-gudizzju jkun integru, gialadarba kienu parti ghall-procediment ta' bejgh bl-irkant (numru 11/2008)[6].

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta attrici u tiddikjara li l-vetturi Isuzu numru MAR 171 u FBL473 ghadhom proprjeta' tas-socjeta attrici.

2. Tilqa' t-tieni talba pero' fis-sens li l-imsemmija vetturi m'ghandhomx jinbieghu fil-bejgh bl-irkant bin-numru 11/2008 fl-ismijiet **Joann Cordina vs Charles Cordina**.

3. Tilqa' t-tielet talba fis-sens li l-imsemmija vettura m'ghandhomx jibqghu milquta mill-mandat ta' qbid numru 23/2008 fl-ismijiet **Joann Cordina vs Charles Cordina**.

Spejjez kollha, inkluzi dawk tal-konvenuti l-ohra, a karigu tal-konvenut Charles Cordina.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[6] Il-konvenuti Marthese Camenzuli, Joseph Mark, John, Christine u Dr Franco Mercieca u George Farrugia dahlu bhala kredituri fl-irkant permezz ta' nota prezentata fil-21 ta' Ottubru 2008.